MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1994/2004

**GasanMamo Insurance limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Gatt (ID 751560M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Mario Gatt**

**Vs**

**Pawlu Farrugia**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm513.51 (hames mija u tlettax-il Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh nhar id-29 ta' Ottubru 2003 gewwa San Gwann.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tlettax-il Lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm513.51) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tad-29 ta' Ottubru, 2003, fi Triq il-Kuncizzjoni, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru MJF 219 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura numru MGT 500 misjuqa minn u propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Awissu 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

L-ammont mitlub jinkludi mitt Lira (Lm100) 'Excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, Mnario Gatt, li kien assikurat that polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu, 2004, u ta' l-ittra ufficjali pprezxentata kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghax pagabbli mit-18 ta' Awissu, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrci huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort ta' l-istess Pawla Farrugia, imma unikament b'tort ta' l-attur, ossija s-sewwieq l-iehor involut fl-istess incident, u dana minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku d aparti l-istess attur, u ghalhekk Pawla Farrugia m'ghandha tkun ikkundannata thallas ebda danni.

Minghajr pregudizzju ghall-premess. L-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi t-Tribunal jirrileva li dan l-incident seta kellu konsegwenzi ferm aktar koroh, specjalment fuq il-persuna tal-konvenuta u bintha.

Illi l-mod ta' sewqan tal-attur huwa censurabbli daqs il-komportament ossia ommissjoni da parti tal-konvenuta. Vera ma kellux indikazzjoni tal-'give way', pero` b'karozzi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, specjalment fil-kantunier, 'Ex admissis', u b'vizwali limitat u ma jieqafx f'kantuniera jaqbad u jdur. Huwa ekwivalenti ghal sewqan imprudenti ghall-ahhar. Da parti tatghha l-konvenuta pparkjat fejn huwa projbit fuq *double yellow line* u utent iehor tat-triq ma jistenniex li jsib vettura pparkjata f'post ferm perikoluz u barra mill-bankina, aktar u aktar fi *splay*!

Aktar minn hekk, kienet qed tinnaviga bil-bieba ta' wara fuq in-naha tat-triq, flok fuq ix-xellug, fuq gewwa. Ir-responsabbilta ghandha tigi akkordata nofs bin-nofs.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u jigi akkordat limitatament ghal nofsu.

Jiddeciedi billi jiddikjara lill-attur Mario Gatt u l-konvenuta ugwalment responsabbli ghall-incident u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u sitta u hamsin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm256.70) bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------